**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 28 ta' Frar 2023**

**Rikors Numru 72/2023GM**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 1767/22 fl-ismijiet:**

**Fundazzjoni Wirt Artna (LPF 141)**

**Vs**

**Landscapes Consortium Limited (C 30405)**

**DIGRIET**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Environmental Landscapes Consortium Limited (ELC) għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet fuq indikati.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-sekwestranti Fondazzjoni Wirt Artna (FWA).

Ikkunsidrat:

Ir-rikors sar a tenur tal-Art. 836(1)(f) tal-Kap 12 li jiffakoltizza t-tħassir t'att kawtelatorju jekk ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ. Din id-disposizzjoni tgħodd meta jkun hemm diġa` mandat fis-seħħ għal xi żmien, u mhux għall-każ preżenti fejn il-mandat għadu kif ġie maħruġ.

Fi kwalunkwe każ, dak li nduċa lis-sekwestranti titlob il-ħruġ tal-mandat wara li l-kawża ilha pendenti għal 4 snin kienu l-fatt li t-tender tagħha dwar il-post in kwistjoni kellu jintemm fl-aħħar tas-sena 2022; l-intenzjoni li rriżultat fl-1 ta' Novembru 2022 li tnaqqas tas-*share capital* tagħha minn 50,000 sehem ordinarju għal 1,200; l-impossibblita` li jiġi ddeterminat jekk is-sekwestrata għandhiex assi billi ilha ma tippreżenta *financial statements* sa mis-sena 2013. Ċirkostanzi li uħud minnhom seħħew riċentement u li flimkien jikkostitwixxu *periculum in mora* ta' ċerta portata.

Mhux minnu dak allegat mir-rikorrenti li m'hemmx dritt *prima facie* ghaliex mhix sid-il post imnejn allegatament saret il-ħsara, u għalhekk ma tistax tiġi miżmuma responsabbli għad-danni.

Għalkemm hemm diversi konvenuti, u mhux ir-rikorrenti biss, ir-rapport peritali konkluż riċentement jipponta lejha għall-ħsara allegatament imġarrba. Dan ma jfissirx li l-Qorti sejra taċċetta l-konklużjonjijiet tar-rapport fil-mertu iżda din hi s-sitwazzjoni proċesswali *prima facie*.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad it-talba.

Spejjeż a kariku tar-rikorrenti.

Mogħti kameralment.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA